***Worksheet* S6.1.2**
Naraw fejn marru joqogħdu l-ewwel nies f'Malta u x'xogħol kienu jagħmlu. Nifhmu l-importanza ta' Għar Dalam u Skorba b'referenza għall-arkeoloġija. Inqabblu dawk iż-żminijiet mal-lum.

**A: Kevin u Sandra jistħarrġu FEJN KIENU JOQOGĦDU L-EWWEL NIES F'MALTA.**

**Aqra u wieġeb.** (*kitba ta' Leonard Grech*)

Sandra: Inti taf fejn kienu joqogħdu l-ewwel nies li ġew Malta, Kevin?

Kevin: Jiena naħseb li għall-bidu kienu joqogħdu f'xi għerien.

1. Taħseb li Kevin qed jgħid sew? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. **Ftakar**: Wieħed mill-għerien kbar li għandna f'Malta huwa dak ta' Għar Dalam li jinsab f'Birżebbuġa, mhux 'il bogħod mill-baħar. Għar Dalam kien wieħed mill-għerien fejn marru joqogħdu l-ewwel nies f'Malta. F'Għar Dalam instabu:



- bċejjeċ taż-żnied
- żbandoli
- fuħħar
- ornamenti personali.

3. Dawn in-nies li jidhru fir-ritratt jissejħu arkeoloġi għax jistudjaw l-arkeoloġija.



Huma jħaffru bil-mod u bil-għaqal, iżommu noti ta' dak li jsibu u jieħdu ritratti. Għalfejn taħseb li jagħmlu hekk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________

4. In-nies ma baqgħux joqogħdu fl-għerien għal dejjem. Bdew jibnu wkoll xi postijiet. X'taħseb li bdew jibnu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Liema materjal setgħu użaw biex  jibnu dak li riedu?

______________________________________________________________________

6. **Ftakar:** Fiż-Żebbiegħ qrib l-Imġarr ta' Malta nstabu fdalijiet preistoriċi imsejħin SKORBA. Dan kien wieħed mill-postijiet fejn marru joqogħdu n-nies meta ma baqgħux jagħmlu użu mill-għerien. Skorba dam jintuża għal ħafna żmien. Hemm instab fuħħar GRIŻ u fuħħar AĦMAR. Il-fuħħar griż għandu żmien aktar mill-aħmar. Il-fuħħar isir mit-______________________.
Immarka fuq il-mappa fejn jinsab iż-Żebbiegħ.




7. Minbarra Skorba, l-arkeoloġi jaħsbu li kien hemm postijiet oħra fejn kienu joqogħdu n-nies. Għaliex taħseb li ħafna minn dawn il-postijiet inqerdu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________



8. Ir-ritratt juri l-fdalijiet ta' Skorba kif jidhru llum. Il-fuħħar li nstab mill-arkeoloġi ttieħed fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta. Għaliex taħseb li sar hekk?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

9. L-imqades ta' dawk iż-żminijiet ma nqerdux. Għaliex għadhom jeżistu?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**B: Kevin u Sandra jesploraw GĦAR DALAM.**

**Aqra u wieġeb.**

F'Għar Dalam ma nstabux biss fdalijiet li ħallew l-ewwel bnedmin li għexu f'Malta. L-arkeoloġi sabu wkoll fdalijiet ta' annimali.




*Uħud mill-fossili misjuba f'Għar Dalam*

Sandra: Qatt smajt bil-kelma 'fossili' Kevin?

Kevin: Iva smajt, Sandra. Mela inti ma tiftakarx kif darba minnhom konna flimkien u rajna biċċa zokk ta' siġra ppreservat fil-blat?

Sandra: Iva niftakar. Il-blat stess kellu forma ta' zokk ta' siġra.

F'Għar Dalam instabu fdalijiet fossilizzati ta' diversi bċejjeċ ta' annimali bħal:

- iljunfanti
- ippopotami
- ċriev
- orsijiet.

Kevin: Allura dan x'ifisser, Sandra?

1. Setgħu annimali bħal dawn jgħixu fuq gżira żgħira bħal Malta?

______________________________________________

______________________________________________

2. Ħares lejn il-mappa u spjega x'jiġri kieku l-livell tal-baħar jinżel?



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Mela kif taħseb li ġew Malta dawn l-annimali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. X'konklużjoni nistgħu naslu għaliha?

**Malta mhux minn dejjem kienet ____________________.**

5. **Ftakar**: Kien hemm żmien meta Malta kienet magħquda ma' Sqallija. Dan ġara **qabel** ma ġew l-ewwel nies f'Malta. Fil-fatt għedna li l-ewwel nies ġew Malta b'xi ċattra jew dgħajsa. Allura kellhom jaqsmu l-baħar. Dan ifisser li meta ġew l-ewwel nies, Malta kienet diġà gżira. Dan ġara minħabba li l-livell tal-ilma għola u għalhekk Malta nfirdet bl-ilma baħar minn mal-Ewropa.
Mela kien hawn nies f'Malta meta din kienet magħquda ma' Sqallija? ____________________

**Ċ: Kevin u Sandra jistħarrġu XOGĦOL IN-NIES FI ŻMIEN IL-PREISTORJA.**
**Aqra u wieġeb.**

Kevin: Xi żmien tal-preistorja nsejħulu NEOLITIKU. Issa sew Sandra, daħħalna kelma ġdida – NEOLITIKU. Inti taf xi tfisser?

Sandra: In-Neolitiku huwa l-aħħar parti ta' Żmien il-Ħaġar, jiġifieri ż-żmien meta l-bniedem ma kien juża l-ebda metall. Imma xorta waħda kien bniedem bravu u jaf jagħmel ħafna affarijiet. Mill-istampi li se nurik tista' tinduna x'kien jaf jagħmel u għalhekk x'kien ix-xogħol tiegħu fiż-Żmien Neolitiku u fil-mijiet ta' snin li ġew wara.



1. Mill-istampa jidher li dawn in-nies kienu: __________________________.

2. Il-ħobż huwa meħtieġ għall-bniedem. Dan isir mid-dqiq u d-dqiq jiġi mill-__________________________.

3. Għaliex il-biedja kienet meħtieġa għan-nies taż-Żmien Neolitiku?
____________________________________________________________________
____________________________________________________________________

4. In-nies tal-preistorja ma kinux biss bdiewa. Kienu wkoll raħħala jew rgħajja. Dan ifisser li kienu ____________________________________________________________.

5. Mill-annimali mnaqqxin fl-imqades nistgħu nindunaw x'annimali kienu jrabbu. Ikteb xi annimali li tagħraf minn dawn ir-ritratti?




______________________________________________________________________

6. X'kienu jieħdu minn dawn l-annimali n-nies tal-preistorja?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Xi partijiet tal-annimali setgħu ntużaw biex jissaħħnu bihom? X'taħseb li kienu jagħmlu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Kevin: Mela s'issa rajna li dawn in-nies kienu bdiewa u raħħala.

Sandra: Kevin, jiena naħseb li kienu xi ħaġa oħra wkoll. Min jaf kemm kien hawn għasafar, fniek slavaġ u annimali oħra. Ma taħsibx li kienu jippruvaw jaqbduhom?

8. Mela dawn l-ewwel Maltin kienu wkoll ________________________________________.

9. Din il-ġebla li kienet instabet f'Buġibba turi tliet ħutiet mnaqqxin. La kienu jieklu l-ħut bilfors li kienu wkoll ________________________________________.



10. F’dak iż-żmien fil-baħar kien hemm anqas jew aktar ħut milli hemm illum? Għaliex?

____________________________________________________________

**D: Kevin u Sandra jqabblu MALTA TA’ QABEL MA’ MALTA TA’ LLUM.**
**Aqra u wieġeb.**

Sandra: Kemm konna nieħdu pjaċir kieku għexna f’Malta ta’dak iż-żmien!

Kevin: Tassew Sandra, min jaf kemm kienet sabiħa Malta ta’ dak iż-żmien - kemm fjuri, siġar u annimali!

1. Immaġina li inti kont tgħix f’Malta ta’ dak iż-żmien. Agħmel lista ta’ dawk l-affarijiet li kienu jogħġbuk l-aktar.

2. Kieku kont tgħix f’Malta ta’ dak iż-żmien kont tkun imċaħħad minn ħafna kumditajiet li għandek illum. Semmi ftit minnhom.

3. X’tippreferi Malta ta’ dak iż-żmien jew Malta ta’ llum? Għaliex?

4. X’tip ta’ dar taħseb li kien ikollok kieku kont tgħix f’Malta fil-preistorja?

   ______________________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________________

**E: Agħmel sinjal taħt it-tajba jew imla l-vojt.**

1. Għar Dalam jinsab qrib (l-Imġarr, Birżebbuġa, Raħal Ġdid).
2. Għar Dalam huwa mmexxi minn (Limestone Heritage, Din l-Art Ħelwa, Heritage Malta).
3. F’dan is-sit hemm il-____________________ ta’ Għar Dalam u l-____________________ innifsu.
4. Skorba jinsab qrib (Birżebbuġa, il-Qrendi, l-Imġarr).
5. Fi Skorba l-arkeoloġi sabu ħafna (għadam, fuħħar, tempji).
6. Skorba huwa importanti għax hemmhekk instab l-ewwel tip ta’ (bini, bniedem, ktieb) preistoriku.
7. Il-kelma Neolitiku tfisser: (tubu tad-dawl, żmien l-għodda tar-ram, iż-żmien il-ġdid tal-ħaġar).
8. (Il-klima, Il-kampanja, Il-kumdità) kienet waħda mill-fatturi li ħajret in-nies jibdew jgħixu f’Malta fil-preistorja.